# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 7 ta' Dicembru 2022**

**Kawza Numru: 14**

**Rikors Guramentat Numru:- 1050/2022 JVC**

**L-Avukat Dottor Natalino (Natalino-Carl) Caruana sive Caruana De Brincat detentur tal-karta tal-identita' numru 10278M**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Dottor Natalino (Natalino-Carl) Caruana sive Caruana De Brincat li talab kif isegwi:

1) Illi l-esponenti twieled fis-26 ta` Novembru 1977, kif jirrizulta mill-att tat-twieled tiegħu numru mija u tnejn tas-sena disgħa mija u tmienja u sebgħin (102/78) u dan kif jidher miċ-ċertifikat tat-twelid, hawn anness u mmarkat bħala Dok NCDB01;

2) Illi l-kunjom 'Caruana De Brincat' kien beda jintuża minn missier l-esponenti, cioe 'Alfred', u dan stante illi n-nannu patern tal-esponenti kellu l-kunjom 'Caruana' filwaqt illi ommu, cioe n-nanna paterna tal-esponenti, kellha kunjomha ta` xebba bħala 'De Brincat';

3) Illi minn meta l-esponenti kien ta` età relattivament żgħira kien ġie infurmat minn missieru illi l-istess esponenti kellu jibda juża il-kunjom 'Caruana De Brincat' fl-atti kollha kemm personali kif ukoll dawk ċivili kif jirrizulta mill-ewwel passaport tiegħu, u dawk kollha rilaxxati sussegwentement, mil-karta tal-identità bin-numru 10278(M), kopja tad-dokument tal-vot rilaxxat mil-kummissjoni elettorali fis-sena 2017, u bosta dokumenti pubbliċi, fosthom kuntratti u atti legali oħra, tal-esponenti annessi u mmarkati bħala Dok NCDB04 sa Dok NCDB08 rispettivament,

4) Illi fl-10 ta' Marzu 2005 l-esponenti sar missier tat-tarbija bl-isem 'Jade' u fl-att tat-twieled tagħha numru tmin mija disa' u disgħin tas-sena elfejn u ħamsa (899/2005), kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dok NCDB09, hija rreġistrata bil-kunjom patern, cioe dak tal-esponenti, 'Caruana De Brincat'. L-istess minuri għanda fil-pussess tagħha passaport validu sas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) bil-kunjom 'Caruana De Brincat'. Kopji tal-passaporti annessi u mmarkati bħala Dok NCDB10 sa Dok NCDB13 rispettivament;

5) Illi l-esponenti iżżewweġ lill-'Maria Therese' nee` Blackburn fit-02 ta' April, 2011 bħal ma jirriżulta mill-anness Ċertifikat taż-Żwieġ referenza numru 365/2011 hawn anness u mmarkat bħala Dok NCDB16;

6) Illi l-mara tal-esponenti 'Maria Therese' hija ukoll rreġistrata kemm fl-att taż-żwieġ surreferiti bil-kunjom 'Caruana De Brincat', u dan ukoll kif jirrizulta mil-karta tal-identità din-numru 355297(M) u id-dokument tal-vot rilaxxat mil-kummissjoni elettorali fis-sena 2017 liema kopja ta` dawn id-dokumenti uffiċjali qed ikunu annessi u mmarkati bħala Dok NCDB10 sa Dok NCDB13 rispettivament;

7) Illi l-esponenti, fil-25 ta` April 2007 sar missier tat-tarbija bl-isem 'Jon Paul' li għandu ukoll il-kunjom 'Caruana De Brincat' (kopja taċ-ċertifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bħala Dok NCDB14);

8) Illi rinfaċċjat b'din l-anomalija l-esponenti fuq parir tad-Dipartiment kien irrikorra quddiem din l-Onorabbli Qorti u intavola rikors ġuramentat bin-numru 706/2007/FS sabiex jitlob korrezzjoni fl-atti tat-twelid tal-esponenti iżda nonostante dan, u kif jirrizulta mis-sentenza, dak iż-żmien id-dipartiment kien qed jopponi għal kull korrezzjoni f'dan is-sens stante illi l-liġi ma kienetx għadha tagħti lok għalhekk, u kif jirrizulta mis-sentenza f'paġna 7 u 8, kien l-avukat għall-intimat dipartiment illi pproponiet annotazzjoni fil-marġini tal-att tat-twieled tal-esponenti bin-numru 102/1978 (kopja tas-sentenza hawn annessa u mmarkata bħala Dok NCDB 15) konxja mil-fatt illi din is-sitwazzjoni kienet diġà problema serja għal attur kif ukoll għal familja tiegħu;

9)	Illi meta miet missier l-esponenti, bl-isem 'Alfred', nhar il-25 ta` Ġunju 2015, kunjomu kien korrettament indikat bħala 'Caruana De Brincat', u dan kif jirrizulta mil-anness ċertifikat hawn anness u mmarkat bħala Dok NCDB02, il-kunjom 'Caruana De Brincat' jirrizulta ukoll mil-kopja tal-karta tal-identità tal-mejjet Alfred Caruana De Brincat bin-numru 305453(M) u ir-reġistru elettorali liema kopja ta`l l-istess hija hawn annessa u mmarkata bħala Dok NCDB03, u konsegwentement kunjom missier l-esponenti kien għalhekk ġie pubblikament rikonoxxut 'Caruana De Brincat';

10)	Illi l-esponenti huwa fil-pussess tal-*warrant* sabiex ikun jista' jipprattika il-professjoni legali bħala Avukat, kopja ta` liema hija hawn annessa u mmarkata bħala Dok NCDB17. Il-kunjom fuq il-*warrant* huwa dak illi hemm illum fuq il-karta tal-identità cioe 'Caruana De Brincat', liema karta tal-identità kienet rilaxxata mil-Aġenzija *Identity Malta* nhar 13 ta` Jannar 2016 (vide Dok NCDB18);

11)	Illi l-esponenti fin-nuqqas ta` missieru, u dan stante illi llum huwa mejjet,  jinsab f`diffikultà sabiex ikun jista' jirreġistra kunjom l-għażiż missieru 'Alfred Caruana De Brincat' b'sempliċiment applikazzjoni ai termini tal-Ligijiet ta' Malta;

12)	Illi l-esponenti huwa l-unika dixxendent ta` 'Alfred Caruana De Brincat' u għalhekk hemm ix-xewqa li dan ikollu kunjom missieru;

13)	Illi l-esponenti llum jinsab rinfaċċjat b`familja b`żewġ kunjomijiet differenti, nonostante l-fatt li huma familja waħda, cioe Maria Therese, Jade u Jon Paul  bil-kunjom 'Caruana De Brincat' u l-esponent bil-kunjom 'Caruana k/a Caruana De

Brincat' li possibbilment qed jagħti lok għal-ħolqien ta' identità doppja jew saħansitra nuqqas ta' kjarezza dwar l-identità tiegħu;

14) Illi dawn il-fatti l-esponenti jaf bihom huwa personalment;

Għaldaqstant l-esponenti reverentament u umilment jitlob l-din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tordna lid-direttur tar-reġistru pubbliku sabiex fl-att tat-twieled, tal-esponenti Natalino, bin-numru numru mija u tnejn tas-sena elf disgħa mija u tmienja u sebgħin (102/78) issir annotazzjoni generali li l-kunjom 'Caruana k/a Caruana De Brincat' gie kancellat u floku tnizzel 'Caruana De Brincat' dan ai termini tal-artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili *et seq;*

2. Tordna illi dan it-tibdil mitlub ikun rifless fl-atti kollha tal-ħajja ċivili tal-attur.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li huwa minn issa mħarrek sabiex jidher in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. Illi in vena preliminari, huwa essenzjali għall-integrità tal-ġudizzju li r-rikorrent jitlob korrezzjoni fl-okkju ta' din il-kawża ai termini tal-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta stante illi fil-preżent, l-isem sħiħ tiegħu huwa 'Natalino (Natalino-Carl)' u mhux 'Natalino';

2. Illi preliminarjament ukoll, ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita pubblikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

3. Illi għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jissottometti illi huwa mhux edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors promotur;

4. Illi jibda billi jiġi rrilevat li kif jirriżulta mill-annotazzjoni li tinsab fuq l-att tat-twelid tar-rikorrent innifsu, innumerat 102/1978, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili diġa' ppronunzjat ruħha dwar il-kunjom tar-rikorrent f'sentenza datata 12 ta' Mejju 2009, kopja ta' liema ġiet ippreżentata mir-rikorrent innifsu u li għaddiet in ġudikat fl-assenza t'appell, u għalhekk jista' jingħad li dak li qed ikun mitlub tramite l-proċeduri odjerni diġa' kien deċiż fi proċeduri oħrajn li llum jikkostitwixxu ***res judicata***. Għall-finijiet ta' korrettezza pero' qed ikun irrilevat ukoll illi matul is-snin kien hemm tibdil fil-Kodiċi Ċivili li ppermetta li wieħed iżid kunjom l-omm wara dak tal-missier, u li għalhekk missier ir-rikorrent ukoll kellu l-possibilità illi jżid konjom ommu wara dak ta' missieru;

5. Illi l-esponent jissottometti illi għalkemm il-pożizzjoni tal-ligi tagħna hija kuntrarja għal tibdiliet fil-kunjom tal-familja, għajr fil-limiti espressament konsentiti bil-liġi, huwa minnu wkoll li l-Qrati tagħna qegħdin ikunu anqas riġidi fil-konsiderazzjonijiet tagħhom ta' talbiet għal bidliet bħal dawn;

6. Illi fir-rigward tal-ewwel talba attriċi, u mingħajr preġudizzju ghall-premess kemm-il darba din l-Onorabbli Qorti tordna li jsir it-tibdil rikjest, qed ikun irrilevat illi kunjom ir-

rikorrent jista' jinbidel biss permezz ta' annotazzjoni ġenerali stante illi ma teżisti ebda kolonna jew intestatura speċifika fuq l-att tat-twelid tar-rikorrent fejn hemm indikat il-kunjom tal-wild. In vista ta' dan, l-esponent jirrileva illi fi kwalunkwe każ, u għal fini ta' korrettezza, għandha tintalab korrezzjoni fl-ewwel talba mill-attur;

7. Illi fir-rigward tat-tieni talba attriċi, jibda billi jiġi rrilevat li jidher li hemm żball tal-pinna stante illi l-attur huwa wieħed iżda t-tieni talba tagħmel referenza għall-atti kollha tal-ħajja ċivili tal-atturi. In oltre, qed ikun irrilevat illi ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili, korrezzjoni tista' ssir f'dawk l-Atti tal-iStat Ċivili relattivi għall-persuna u, fejn ikun hemm, għall-ulied u dixxendenti ulterjuri ta' dik il-persuna, liema atti jridu jiġu indikati fit-talba bin-numru tal-att u s-sena relattiva tagħhom. Illi għaldaqstant, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attriċi u tordna t-tibdil rikjest, l-esponent umilment jirrileva illi sabiex ikun hemm dan it-tibdil, ir-rikorrent għandu jispeċifika liema huma dawn l-atti permezz tan-numru progressiv u s-sena ta' kull att relattiv. Għal kull buon fini qed jiġi rrilevat ukoll illi t-tibdil rikjest jista' jsir biss f'atti tal-istat ċivili li huma fil-kontroll tal-esponent;

8. Illi finalment, u dan mingħajr ħsara għall-premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tal-esponent u għalhekk id-Direttur intimat m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti, li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.

Rat li saret id-debita publikazzjoni skont il-Ligi esebit a fol. 34 tal-process;

Rat il-verbal tallum u l-korrezzjonijiet li saru fir-rikors guramentat;

Fil-mertu l-Qorti rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mar-rikors guramentat li minnha jirrizulta illi r-rikorrent effettivament huwa maghruf bl-isem ezatt ta' Natalino (Natalino-Carl) u bil-kunjom Caruana De Brincat u ghaldaqstant it-talbiet tieghu huma gustifikati.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tordna lid-direttur tar-reġistru pubbliku sabiex fl-att tat-twelid, tal-esponenti Natalino, bin-numru numru mija u tnejn tas-sena elf disgħa mija u tmienja u sebgħin (102/78) issir annotazzjoni generali li l-kunjom 'Caruana k/a Caruana De Brincat' gie kancellat u floku tnizzel 'Caruana De Brincat' dan ai termini tal-artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili *et seq*;

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna illi dan it-tibdil mitlub ikun rifless fl-atti kollha tal-ħajja ċivili tal-attur limitatament izda ghall-atti fil-poter tad-Direttur tar-Registru Pubbliku.

3. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez fic-cirkostanzi kontra l-istess rikorrent.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**7 ta' Dicembru 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**7 ta' Dicembru 2022**